KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 34 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.40pm | 9.30pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 9.30pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 8.05pm | 9.30pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30pm | 9.30pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.30pm | 9.30pm |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30pm | 9.30pm |
| Kunsillier Kirby Fenech | resigned | |
| Kunsillier James Cassar | assenti AVŻA LI MA JISTAX JATTENDI | |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30pm | 9.30pm |
| Kunsillier David Meilak | 8.07pm | 9.30pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30pm | 9.30pm |

Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is Sur Steve Bartolo.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Tnedija ta' Proġett ta Live Streaming għall-laqgħat tal-Kunsill**

Is-Sindku infurmat li t-tnedija tal-Live Streaming li kienet ippjanata li ssir waqt din il-laqgħa flimkien mal-Kunsill tal-Marsa u dak tal-Munxar Għawdex, kienet ġiet ikkanċellata b'avviż mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u għalhekk dan l-item tal-agenda tħalliet għal-ġurnata oħra meta niġu nfurmati mid-Dipartiment.

**2.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 33- 20 ta' Frar 2014**

Il-minuti tal-laqgħa Nru :33 li saret fil- 20 ta' Frar, 2014 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sur Joe De Martino talab u ġie approvat li issir korrezzjoni tal-minuti kif ġej :

Jiżdied paragrafu fl-aħħar ta item 5 tal-minuti u jaqra hekk :

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**« Dwar item 6 tal-korrispondenza dwar talba mill-Baroque Snack Bar, Mosta, - It-talba ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti bl-eċċezjoni tal-Viċi-Sindku s-Sur Joe DeMartino . »**

Wara li saret din l-emenda, l-minuti ġew approvati unanimament.

## 3.00 Punti Imqajjma mill-Minuti

Il-Kunsillier Keith Cassar staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi risposti mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar pendenzi li kien hemm fuq Tat-Targa Battery. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrisponda fin-negattiv.

## 4.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta Pagamenti

Ġiet approvata lista ta' Pagamenti Nru: 23 għal-ammont ta' Euro 133,899-26c kif ippreżentata.

### b) Lista ta Works Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta Works Orders kif ippreżentata.

### c) Lista ta Purchase Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta Purchase kif ippreżentata.

### d) Lista ta Depożiti

Ġiet approvata unanimament lista ta Depożiti b'total ta' Euro 5,050-55c għax-xahar ta' Frar 2014 kif ippreżentata.

### e) Rapport Finanzjarju Quarter October -December 2013

Ġie approvat unanimament ir-rapport finanzjarju għar-raba kwart tas-sena 2013 (Ottubru sa Diċembru '13) kif ippreparat mill-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea. Dan juri indikatur finanzjarju pożittiv ta' 15%.

## 5.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista ta' 9 items ta' korrispondenza. Id-deċiżjonijiet dwar din il-korrispondenza jidhru fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

5.01 Dwar item 2 tal korrispondenza - Dwar il-possibilita li jsir id-dawl matul il-pont ta' Triq il-Fortizza, ġie deċiż li l-konsulent Mario Galea jipprepara stima ta' kemm jiġi jiswa dan ix-xogħol u din terġa titla għad-deċizjoni tal-Kunsill.

5.02 Dwar item 5 tal-korrispondenza - Risposta tad-Dipartiment tal-Artijiet li tindika li l-Mitħna li tinsab fi Triq il-Mitħna l-Qadima, hi proprjeta tal-Gvern, sar qbil unanimu li l-Kunsill jitlob id-devoluzjoni tagħha. Din il-Mitħna kienet mikrija lil-Franġisku Fenech (ta' Vangiela) sa ma dan miet riċentement. Il-Kunsill għandu jitlob lil-Perit Etienne Magri sabiex jagħti idejat dwar x'jista jsir b'din il-Mitħna storika u japplika għad-devoluzjoni tagħha.

5.03 Dwar item 7 tal-korrispondenza - Proposta sabiex jiġi nstallat *air-conditioner* ieħor '*cassette type'* fis-saqaf tal-*general office* tal-Kunsill ġiet approvata unanimament jekk l-*internal unit* li hemm ma jistax jiġi kkonvertit minn *wall type* għal *cassette type*.

5.04 Dwar Item 8 tal-korrispondenza – Riżenja tal-Kunsillier Kirby Fenech. Il-Kunsill innota l-ittra tar-riżenja tal-Kunsilliera Kirby Fenech għal-raġunijiet personali u talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lil-Kummissjoni Elettorali b'din ir-riżenja sabiex tinbeda l-proċedura tal-*bye-election*.

5.05 Dwar Item 9 tak-korrispondenza- Talba ta Mr. Armin Hirmer sabiex jinstab post fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta fejn jkun jista jsiru lezzjonijiet tal-*archery*. Sar qbil li s-Sindku tiddiskuti din il-proposta mas-Sur Hirmer u jingħata post temporanju fejn jista jiġi pprattikat dan l-isport. Għandu jsir ftehim bil-miktub dwar kif għandu titmexxa din l-attivita bil-kollaborazjoni tal-Kunsill.

## 6.00 Green Warden Allocation

Il-Viċi-Sindku s-Sur Joseph DeMartino spjega kif ser jiġu allokati d-dati u l-ħinijiet ta' dawn il-Green Wardens fil-Mosta. Il-Kunsill kien ikkomunika lid-diriġenti tar-Reġjun tat-Trammuntana l-inħawi ta' fejn għandhom jissorveljaw dawn il-Green Wardens fil-ħin allokat għal-Mosta.

## 7.00 Awarding of Tenders

### a) Tender KLM 07/2013 - Tender for Provision of Insurance Services to the Mosta Local Council

Il-Kunsill irċieva tliet applikazzjonijiet għal-dan it-tender: Citadel Insurance, Allcare Insurance Brokers Ltd, u Island Insurance Brokers.

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia, spjegat r-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni u sar qbil unanimu li dan it-tender jingħata lil kumpanija tal-assikurazzjoni Citadel għat-tliet snin li ġejjin skont kif kien irrakkomandat mill-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni tat-Tenders.

### b) Tender KLM 01/2014 - Tender for Upgrading of Playground & Installation of Play Equipment in Ġnien Reggie Cilia, Mosta (behind Rotunda Church)

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia, spjegat r-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni u sar qbil unanimu li dan it-tender jingħata f'żewġ partijiet kif irrakomandat mill Kumitat tal-Aġġudikazzjoni. Il-parti tax-xiri u stallazjoni tal-play equipment jingħata lill kumpanija JGC Ltd filwaqt li l-parti tas-safety rubber flooring jingħata lil kumpanija tal- FGL

Commercial Sales Ltd. Dan minħabba li safety rubber flooring li offra JGC Ltd ma kienx maħdum prodott fl-Unjoni Ewropeja kif jitlob it-tender.

c) **Tender KLM 02/2014 - Tender for Installation and Maintenance of Street Lighting in the locality of Mosta**

Dan l-item ma ġiex diskuss u tħalla għal-laqgħa oħra għaliex l-Inġinier Mario Galea kien għadu ma lestiex l-*evaluation report* tat-tender li ġie sottomess.

**8.00 Affarijiet Oħra**

8.01 Is-Segretarju ntalab jikteb lid-Dipartiment tal-Kunsilli u jistaqsi jekk l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ hux intitulat jiġi inkluż fl-iskema tal-assikurazjoni tal-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill.

8.02 Il-Kunsilliera Marthese Mifsud talbet u ġie approvat unanimament li l-Kunsill jipprovdi u jħallas għat-trasport tal-anzjani meta dawn ser jittieħdu fuq vista ta' Casa Rocca Piccola.

8.03 Ġie approvat unanimament budget ta' Euro 150 għal-attivita ta' Mothers Day li ser tiġi organizzata mill-Kunsilliera Marthese Mifsud u Mario Sammut.

**9.00 Aġġornament**

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30pm u ġie deċiż li laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir l-Erbgħa 30 ta' April, 2014.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv